MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 668/2013

**Ignatius Busuttil**
**K.I. 477155(M)**

**vs.**

**Water Services Corporation**

Din hija sentenza parzjali limitata esklussivament fuq il-limiti ġurisdizzjonali ta' dan it-Tribunal kif inkwiżiti mir-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta;

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2013,

> li permezz tiegħu l-attur talab il-ħlas mingħand is-soċjetà konvenuta tas-somma ta' elf u tmenin Ewro (€1080) rappreżentanti:

1. anni li sofra l-attur meta f'Lulju 2012, daħal ilma fil-garaxx tiegħu li jġib l-isem Mclaren u li jinsab fi Triq l-Iskola l-Imsida, liema ilma kien daħal mit-triq;

2. Illi l-ilma li daħal ikkaġunalu l-ħsara fis-saqaf u l-ħitan tal-garaxx kif ukoll ħsara fid-diversi għodda u apparat;

3. Illi minkejja li l-attur kiteb lill-kumpanija konvenuta diversi drabi sabiex jintlaħaq ftehim, dan baqa' mingħajr soluzzjoni;

4. Illi l-ilma li daħal ġewwa l-garaxx kien ilma tal-kumpanija WSC;

Għaldaqstant ir-rikorrenti qiegħed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tillikwida d-danni fl-ammont ta' elf u tmenin Ewro (€1080) jew xi somma li tista' tiddeċiedi din l-Onorabbli Qorti li hija adegwata.

Ra **r-risposta tal-Water Services Corporation** ippreżentata fit-28 ta' Novembru 2013, fejn hija teċċepixxi:

1. Illi in linea preliminari, in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal biex jisma' u jiddeċiedi din is-sentenza u dan ai termini tal-Artikolu 15 u l-paragrafu 1.3 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap 387);

2. Ili mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, il-Korporazzjoni eċċipjenti mhix responsabbli għal xi dannu li seta' sofra l-attur stante li ma kien hemm ebda negliġenza daparti tagħha;

3. Illi fi kwalunkwe każ, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-allegazzjonijiet tal-attur jeħtieġ li jiġu ppruvati;

4. Illi għalhekk, it-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Ra illi t-Tribunal iddiferixxa l-Kawża sabiex jisma l-provi u t-trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-Korporazzjoni konvenuta u dik ċioe tal-kompetenza *rationae materiae* ta' dan it-Tribunal;

Ra illi ma nġibux provi f'dan ir-rigward iżda d-difensuri tal-partijiet trattaw din l-eċċezzjoni.

Ra l-verbal tat-22 ta' Jannar 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata sentenza preliminari dwar l-eċċezzjoni tal-kompetenza rationae materiae ta' dan it-Tribunal.

**Fatti**

Illi biex jasal għal fatti li taw lok għal din il-kawża, f'dan l-istadju fejn ma tressqu ebda provi, it-Tribunal irid janalizza t-talba kif dedotta u r-risposta għaliha, fejn fil-każ odjern jirriżulta illi din hija talba għal danni kkawżati minn ilma li oskula mit-triq għal ġewwa garage propjeta` tal-attur, liema ilma kkaġuna danni fis-saqaf u ħitan tal-istess garage, kif ukoll ħsara f'diversi għodda u apparat.

Illi l-Korporazzjoni konvenuta hija tal-fehma illi din il-kwistjoni kellha tiġi riferuta liċ-Ċentru ta' Malta dwar l-Arbitraġġ u dana ai termini tal-Artikolu 15 u paragrafu 1.3 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitraġġ, il-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe l-Att Dwar L-Arbitraġġ fl-Artikolu 15 jistipula:

> *(11) B'żieda ma' dawk imsemmija b'kull liġi oħra, il-klassijiet ta' tilwimiet imsemmija fir-Raba' Skeda huma soġġetti għal arbitraġġ mandatorju u f'dawk il-każijiet il-partijiet għandhom jitqiesu li jkunu marbutin bi ftehim ta' arbitraġġ relatat ma' dawk it-tilwimiet.*

Ir-Raba Skeda tal-istess Kapitolu tistipula li huma soġġetti għall-arbitraġġ mandatarju:

> *1.3 Tilwimiet marbuta mas-servizzi tal-elettriku u tal-ilma*
>
> *Kull tilwima li jkollha x'taqsam mal-provvista tal-enerġija elettrika, kera ta' meter tal-elettriku, jew kull servizz provdut mill-Korporazzjoni Enemalta, u kull tilwima marbuta mas-servizzi tal-ilma,…*

Illi l-Korporazzjoni konvenuta targumenta illi skont Ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma, id-definizzjoni mogħtija lil "servizz" tinkludi wkoll il-kanen, u għaldaqstant anke kwistjoni ta' danni kkawżati minn ħsarat fil-kanen għandha tinstema esklussivament minn tribunal ta' arbitraġġ.

Fl-ewwel lok, it-Tribunal jirrileva li f'dan l-istadju ma ġiex stabbilit li l-ħsarat lamentati mill-attur ġew ikkawżati minn ħsarat fil-kanen. F'dan l-istadju, kull ma jaf it-Tribunal huwa illi skont dak mistqarr fl-Avviż tat-Talba mill-attur *"l-ilma li daħal ġewwa l-garaxx kien ilma li kien tal-Kumpanija WSC"*

Anke se mai jirriżulta li d-danni allegatament subiti ġew ikkawżati minn ħsarat fil-kanen, it-Tribunal ma jaqbilx li kwistjoni ta' danni kkawżati minn ilma li jipperkola mit-triq għal ġewwa garaxx, tista' tinkwadra bħala kwistjoni dwar għoti ta' servizz, kif speċifikatament rikjest mill-artikoli statutorji ċitati, u huwa tal-fehma li biss b'interpretazzjoni ferm imġebbda u xejn loġika, li wieħed jista' jpoġġi kwistjoni ta' danni minn perkolazzjoni tal-ilma, fl-ambitu ta' tilwima marbuta mal-għoti tas-servizzi tal-ilma, li konsegwentement tattira lejha l-arbitraġġ mandatarju.

Il-fehma tat-Tribunal issib sostenn f'sentenza mogħtija f'kawża identika deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-30 t'Ottubru 2007 fl-ismijiet <u>Elmo Insurance Limited vs. Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma</u> (Rikors Numru 386/2006, Maġistrat Silvio Meli) fejn kien ġie ritenut:

> *"Illi t-talba prinċipali sottomessa mis-soċjeta' attriċi pero' hi limitata għal danni ċivili kkaġunati minn impjegati tal-korporazzjoni konvenuta fejn l-ebda tiġbid ta' l-immaġinazzjoni interpretattiva ma qatt jista' jwassalha biex tkun inkwadrata f'vertenza relattiva għall-ogħti ta' xi tip ta' servizz jew xi tilwima naxxenti mill-ogħti ta' l-istess servizz kif espressament indikat fl-imsemmija Skeda;*
>
> *Għaldaqstant din il-qorti tqis li l-eċċezzjoni kif indikata mill-Korporazzjoni konvenuta, jew aħjar risposta ulterjuri, kienet biss manuvra dilatorja priva minn kull loġika u sosten interpretattiv;*
>
> *Illi anke bl-operazzjoni ta' interpretazzjoni lingwistika loġika u sempliċi ma kellu jkun hemm l-ebda diffikulta' biex l-istess Korporazzjoni konvenuta tasal għal konklużjoni retta li l-każ odjern qatt ma' jista' jkun postulat bħala arbitraġġ mandatorju stante li hu naxxenti minn negliġenza operattiva u mhux minn xi servizz li seta' ġie mogħti lis-soċjeta' attriċi minn dik konvenuta;*
>
> *Illi għalhekk filwaqt li tirrespinġi r-risposta ulterjuri tal-Korporazzjoni konvenuta, tqis li tali risposta effettivament tisfjora d-disprezz lejn l-awtorita' tal-qorti stante li kienet intiża biss biex taħli l-ħin tagħha liema ħin għandu jkun utilizzat b'mod ferm aktar iffokat – u biex tissottolinea l-fatt li mhux qiegħda hawn biex tinvesti vertenzi inutili, frivoli, u gia' leġislattivament ċari, tirriserva li tesplora dan l-aġir fid-dawl ta' dan, jekk ikun il-każ;"*

Illi fit-trattazzjoni dwar din l-eċċezzjoni preliminari dwar il-kompetenza *rationae materie* ta’ dan it-Tribunal, saret referenza għal sentenza mogħtija mill-Onor. Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 t’Ottubru 2013 fl-ismijiet <u>Gold Circle Developments Limited vs. Korporazzjoni għas-Servizz tal-Ilma et.</u> (Rikors Ġuramentat Numru 279/2007, Imħallef Onor. J. Padovani Grima). Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-insenjament tal-Qorti f’dik il-kawża, ma jistax japplika fil-każ odjern u dana stante li l-kawża ċitata kienet titratta minn danni allegatament subiti mis-soċjeta` attriċi derivanti min-nuqqas ta’ provvista ta’ servizz ta’ dawl u ilma f’ċertu fond propjeta` tal-istess soċjeta`, b’tali mod li s-soċjeta` attriċi tilfet il-kirja tal-post. Dik il-kwistjoni, anke jekk kienet ukoll talba għal riżarċiment ta’ danni bħal ma huwa l-każ odjern, kienet intrinsikament marbuta mal-provvista o meno tas-servizzi tad-dawl u l-ilma, element li huwa nieqes fit-talba li għandu quddiemu dan it-Tribunal

**Deċide**

Għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Korporazzjoni konvenuta illi dan it-Tribunal m’għandux il-komptenza *rationae materiae* sabiex jisma dan il-każ u fil-waqt li jiddikjara ruħu kompetenti, jordna l-prosegwiment tal-kawża, sabiex jiġi trattat il-mertu.

Bl-ispejjeż ta’ dan l-istadju riżervati għall-ġudizzju finali.

## < Sentenza In Parte >

---------------------------------TMIEM---------------------------------